Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Carol Fabri]

vs

Carl Bonnici

Kumpilazzjoni Numru: 729/14

Illum, 8 ta' April, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carl Bonnici detentur tal-karta tal-identita` numru 479478M akkuzat talli:

1. Fit-tnax (12) ta' Mejju 2014 ghal habta tal-hamsa u ghaxra ta' filghaxija (17:10hrs) attenta sabiex jahrab minn post ta'

kustodja li huwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun fejn ta bidu ghall ezekuzzjoni ta' din il-harba;

2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanza attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-Awtorita` kompetenti;

3. U aktar talli nhar it-13 ta' Mejju, 2014 gewwa l-Ghassa taz-Zejtun ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' wiehed inkarigat, u cioe` lil PC159 Glendon Calleja, skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz;

4. U aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza

moghtija nhar l-14 ta' Jannar 2014 mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D.

Il-Qorti giet mitluba titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati b'sentenzi liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 22) datat sebgha (7) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi fil-proceduri odjerni l-imputat mar jiffirma l-ghassa taz-Zejtun fejn il-Pulizija Ezekuttiva zammewh stante li kien hemm mandati ta' arrest mahruga fil-konfront tieghu. Waqt li kien qieghed l-Ghassa, l-imputat allegatament ipprova jahrab mill-kustodja tal-ufficcjali tal-Pulizija, irrezista lill-Pulizija u anki hedded wiehed mill-ufficjali.

Illi xehdet l-**Ispettur Carol Fabri** li qalet li fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbatax (2104) kienet stazzjonata l-Ghassa ta' Birzebbugia fejn kellha mandat t'arrest fuq Carl Bonnici li kien jiffirma l-Ghassa taz-Zejtun. X'hin wasal l-Ghassa huwa talab li jmur id-dar u jitla' l-Qorti l-ghada tlettax (13) ta' Mejju izda x-xhud qalet li fuq esperjenza precedenti hija qaltlu li l-mandat irid jigi esegwit. Skont l-Ispettur dak il-hin Carl Bonnici "*ta s-salt biex jahrab mill-ghassa, fil-fatt ahna qbadnih bejn il-kolonni ta' l-ghassa z-Zejtun, dak il-hin beda jirrezisti lill-Pulziija..*". Hija tghid li kienu tliet ufficcjali tal-Pulizija. F'hin minnhom l-imputat waqa' mal-art fejn ippruvaw iqajmuh u dahhluh l-Ghassa fejn gie mmanettjat u ttiehed il-*lock up* tal-Furjana biex l-ghada jitressaq il-Qorti. Ix-xhud qalet li l-imputat qal li kien qed jiccajta meta hedded wiehed mill-kuntistabbli u qalilha wkoll li ddispjacih talli

ghamel *"imma meta jhoss li jrid jigi arrestat ihossu maghluq.*" Anki waqt l-istqarrija kien iddispjacih u fil-fatt talab skuza lill-Pulizija.

L-Ispettur esebiet id-dikjarazzjoni tar-rinunzja ghad-dritt tal-avukat (Dok. CF3 a fol. 18), l-istqarrija tal-imputat (Dok. CF4 a fol. 19) u anki sentenza (Dok. CF5 a fol. 20) permezz ta' liema sentenza l-imputat, fuq akkuzi tal-istess natura, gie kkundannat multa ta' hames mitt ewro (€500) u gie estiz ukoll it-terminu ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ghall-perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin mill-erbatax (14) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014).

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat **Carl Bonnici** kkonferma li ma riedx jiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni. Huwa ghazel li ma jwegibx ghad-domanda tal-Ispettur meta staqsieh x'ghandu xi jghid dwar dak li gara fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn huwa pprova jahrab. Huwa qal li mhuwiex minnu li hedded lill-kuntistabbli Glendon Calleja fejn qal: *"Iccajtajt mieghu iva, imma bl-ebda theddid.*" Huwa qal li ma jafx ghaliex huwa irrezista l-Pulizija li kellhom mandat ta' arrest. Mistoqsi jekk iridx

izid xi haga qal: *"Jiddispjacini ghal dak li gara. Kien il-hin li kont wasalt mix-xoghol u kull ma ridt kien li ninhasel u nigi l-ghada l-Ghassa biex naghmel il-lejl mal-familja."*

Xehed ukoll **PC 159 Glenn Calleja** li qal li fid-data inkriminata kien l-ghassa z-Zejtun fejn kien hemm mandat t'arrest ghal certu Carl Bonnici li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Qal li l-imputat kien irrezista l-arrest u fil-fatt kellu jintervjeni. L-ghada tal-mandat t'arrest ix-xhud jghid li Carl Bonnici gie jheddu u jisfidah ghal glied fejn ftit minuti wara rega' gie l-ghassa fejn spjegalu li m'ghamilx hekk b'mod personali izda ghax kien mahruq ghax gie l-Qorti ghal xejn.

Xehed ukoll **PS 645 Jerry Attard** li qal li kien infurma l-Ghassa taz-Zejtun fejn Carl Bonnici kien imur jiffirma l-*bail book* sabiex izommuh peress li kien hemm zewg mandati ta' arrest mahruga mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke fil-konfront tieghu. Ix-xhud qal li mar l-ghassa taz-Zejtun flimkien mal-Ispettur Fabri fejn l-imputat malli rahom hareg mill-Ghassa u talab lill-Ispettur Fabri sabiex thallih imur id-dar u jitla' l-ghada pero` l-Ispettur oggezzjonat. Ix-xhud qal li l-Pulizija infurmat lill-imputat li kellu

zewg mandati t'arrest u li kien ilu arrestat minn x'hin wasal l-Ghassa fil-hamsa u ghaxra (17:10). Kompla jghid li Carl Bonnici pprova jahrab izda zammewh. Dak il-hin li zammewh l-imputat ipprova jahrab jigri u ghall-ewwel beda jirrezisti u jipprova jitlaq izda kif ra lil kienu erba' ufficcjali tal-Pulizija waqaf u pogga bilqeghda fuq targa hdejn l-Ghassa fejn l-ufficcjali pprovaw idahluh fl-Ghassa u wara kkalma. Wara dahal fil-vettura tal-Pulizija u nizlu bih lejn il-*lockup*. Mistoqsi kemm lahaq gera l-imputat ix-xhud qal li kien gera xi ghaxar metri. Mistoqsi jekk l-imputat uza xi diskors fil-konfront tal-Pulizija x-xhud qal li ma jiftakarx u safejn jaf huwa le.

In kontroezami PS 645 Jerry Attard qal li dakinhar kien hemm l-Ispettur Carol Fabri, PC 931, PC 841 u x-xhud stess. Kien hemm anki *orderly* pero` din ma hargitx barra l-ghassa.

Xehed ukoll **PC 931 Carmel Zarb** li qal li fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) huwa kien stazzjonat l-Ghassa taz-Zejtun fejn kellu ordni sabiex izomm lil Carl Bonnici hemmhekk meta jmur biex jiffirma. Malli l-imputat wasal l-Ghassa x-xhud qallu biex jistenna l-Ispettur ghaliex riedet tkellmu. Malli waslet l-

Ispettur, Carl Bonnici hareg 'l barra u beda jitkellem mal-Ispettur li kienet ghadha kif harget mill-vettura. Ix-xhud qal li huwa baqa' gewwa l-Ghassa fejn f'hin minnhom sema ghajjat u hareg jigri 'l barra fejn ra lill-imputat bilqieghda fuq targa u kien hemm il-Pulizija mdawrin mieghu. Kien hemm xi tliet Pulizija fejn ix-xhud qal li mar hdejhom sabiex l-imputat ma jqumx u jahrab. Bdew jghidulu li kien hemm bzonn li jinzel il-*lockup* peress li kien hemm mandati ta' arrest fejn baqa' jinsisti biex imur id-dar u jigi l-ghada izda wara ftit ceda, gabu l-karozza tal-Pulizija u baqghu nezlin bih lejn il-*lockup*.

Il-Qorti rat li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza tittratta l-attentat tal-harba tal-imputat mill-kustodja tal-Pulizija waqt li kien gewwa l-Ghassa taz-Zejtun. L-Artikolu 151 tal-Kodici Kriminali jghid is-segwenti:

*"151. Kull ikkundannat u kull priġunier ieħor li jinsab ħati ta' ħarba sempliċi mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sena."*

Dan l-artikolu jitkellem specifikament fuq persuni kkundannati jew prigunieri. Minkejja dan l-Artikolu 160 tal-istess Kodici jghid li d-dispozizzjonijiet 151 sal-159 inkluzivament jghoddu fil-kaz ta' harba ta' persuni, mizmuma skont il-ligi, minn lok mahtur ghall-kustodja taghhom. Fil-kaz odjern l-imputat kien propju persuna li dak il-hin kienet qed tigi mizmuma skont il-Ligi.

Ghar-rigward din l-akkuza l-Prosekuzzjoni resqet l-ufficjali tal-Pulizija li kienu prezenti l-Ghassa taz-Zejtun fid-data inkriminata u cioe` fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014), minn liema xhieda rrizulta ampjament li l-imputat verament ipprova jahrab mill-kustodja taghhom u dana billi ta salt u beda jigri fejn gie mwaqqaf xi ghaxar metri 'l boghod. Illi l-imputat ma rnexxilux jesegiwxxi dan ir-reat propju ghaliex kien hemm tlieta jew erba' ufficcjali tal-Pulizija li zammewh.

Illi apparti li din l-akkuza tirrizulta ppruvata mix-xhieda tal-ufficjali tal-Pulizija, il-Qorti tinnota wkoll dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu fejn qal is-segwenti: "*Kien il-hin li kont wasalt mix-xoghol u kull ma ridt kien li ninhasel u nigi l-ghada l-Ghassa biex naghmel il-lejl mal-familja.*"

Illi ghaldaqstant l-ewwel (1) akkuza tirrizulta ppruvata oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi dedotti kontra l-imputat jittrattaw l-Artikoli 95 u 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficcjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficcjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed

jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficcjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat nexus bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Illi fil-kaz in ezami l-element materjali ta' dan ir-reat u cioe` l-ingurja jew it-theddid huwa ghal kollox mankanti. In effetti PC159 Glenn Calleja fl-ebda hin ma qal x'kien il-kliem ta' theddid. Huwa jghid biss li gie mhedded izda fl-ebda hin ma kkwota dak li qallu l-imputat u dan mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tkun konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi ghalhekk it-tielet (3) akkuza li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tirrizultax.

Illi l-Artikolu 96 imbaghad, ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma l-ufficcjal pubbliku, jikkontempla tliet elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dan ir-reat.

Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew rezistenza. Li jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita` ghalhekk mhux sufficjenti ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat. F'dan ir-rigward il-Professur Mamo jghid is-segwenti:

> *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith".*

Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficcjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku".*

Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew rezistenza kontra l-ufficcjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita' kompetenti. Professur Mamo fil-fatt ikompli jghid:

> *"Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime."*

Dan ir-rekwizit gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgha (9) ta' Settembru elfejn u tnejn (2002) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Zahra fejn intqal:

> *"Dana l-artikolu jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik*

> *il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta b'mod car illi t-tliet rekwiziti tar-reat kontemplat fl-Artikolu 96 gew sodisfatti. Fl-ewwel lok ghaliex kien hemm rezistenza da parti tal-imputat f'dak il-hin meta l-Pulizija bdew izommuh stante li kien qed jipprova jahrab. Skont l-Ispettur Fabri u anki l-ufficcjali li kienu prezenti, l-imputat dak il-hin kien qed joffri rezistenza. L-imputat ma attakx *per se* l-ufficcjali izda xorta wahda offra rezistenza u ghalhekk dan l-element jirrizulta sodisfatt stante li l-Artikolu 96 ma jitkellimx biss fuq attakk izda anki fuq rezistenza. Kif qal il-Professur Mamo: "*The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority."* Bl-uzu tar-

rezistenza l-imputat wera bic-car li huwa ried jostakola u jfixkel l-ezekuzzjoni tal-Ligi.

Fit-tieni lok ma hemmx dubju li din ir-rezistenza giet ezercitata fil-konfront ta' ufficcjali pubblici tant hu hekk illi kienu kollha waqt il-hin tax-xoghol taghhom u ghalhekk kienu libsin bl-uniformi li jfisser allura li l-imputat kien konxju tal-fatt li dawn il-persuni kienu membri tal-Korp tal-Pulizija.

Illi t-tielet rekwizit jirrizulta sodisfatt ukoll ghaliex l-imputat beda jirrezisti l-Pulizija meta huma kellhom jesegwixxu mandat t'arrest mahrug mill-Qorti. Fil-kaz in ezami ghalhekk gie ppruvat ukoll li l-ufficcjali tal-Pulizija kienu qed jagixxu fuq ordni moghti skont il-ligi minn awtorita` kompetenti u ghaldaqstant ma hemmx dubju li l-ufficcjali tal-Pulizija kienu propju, kif tesigi l-Kodici Kriminali, fil-waqt li jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi.

Illi ghar-rigward ir-raba' (4) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar l-erbatax (14) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014). Illi di fatti jirrizulta mis-sentenza esebita a folio

20 tal-process (Dok. CF5) li fl-erbatax (14) ta' Jannar elefejn u erbatax (2014) l-imputat gie kkundannat ghal hames mitt ewro (€500) multa u kif ukoll giet estiza sentenza sospiza fejn il-Qorti ordnat li t-terminu ta' sentejn (2) prigunerija sospiza ghall-erba' (4) snin jigi estiz ghall-perjodu ulterjuri ta' erba' (4) snin. Illi dan ifisser allura li r-reati dedotti kontrih fil-kawza in ezami gew kommessi waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza esebita a folio 20 tal-process.

Illi ghaldaqstant l-imputat huwa wkoll recidiv u dan a bazi tal-istess sentenza li giet prezentata f'dawn l-atti u mmarkata bhala Dokument CF5.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 31, 41(1)(a), 151, 160, 96(a), 28B, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Carl Bonnici hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, fejn l-ewwel akkuza hija mezz ghall-fini tat-tieni akkuza, u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija oltre multa ta' erbat elef ewro (€4,000), issibu hati wkoll tar-raba' (4) akkuza fejn il-Qorti tordna illi s-sentenza sospiza datata erbatax (14) ta' Jannar elfejn u erbatax (2014) moghtija mill-Magistrat Dr.

Saviour Demicoli ghandha tibda ssehh mil-lum, filwaqt li tilliberah mit-tielet (3) akkuza stante li ma gietx ippruvata.

__________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**